ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u t-Tagħlim Elettroniku
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 2

**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2014**

# IL-ĦAMES SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (*Ġenerali*) L-Iskema tal-Marki

## Taqsima A

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. taż-żgħażagħ | 2. reliġjon | 3. is-sottokultura | 4. esklużjoni soċjali | 5. *welfare state* |
| 6. faqar relattiv | 7. ordni soċjali | 8. l-adolexxenza | 9. *welfare society* | 10. mexxejja |

**(1 x 10 = 10 marki)**

## Taqsima B

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. c | 2. a | 3. c | 4. b | 5. b |
| 6. a | 7. c | 8. b | 9. a | 10. c |

**(1 x 10 = 10 marki)**

## Taqsima C

| Mistoqsija | Marka | Tweġiba |
|---|---|---|
| 1. | 1,1 (2) | **Falz**. L-għan ewlieni tal-Ġnus Magħquda huwa li ġġib il-paċi bejn il-pajjiżi tad-dinja. |
| 2. | 1,1 (2) | **Falz**. Il-ġenerazzjoni żagħżugħa ħafna drabi tirribella għal dak li timponi fuqhom is-soċjetà u tippromwovi l-bidla fejn tista'. |
| 3. | 1,1 (2) | **Veru**. Ir-reliġjon għandha impatt kontinwu fuq is-soċjetà. Tista' tkun ir-raġuni li żżomm soċjetà milli tinbidel minħabba t-tixrid ta' valuri kostanti u tista' tkun ir-raġuni għaliex isseħħ il-bidla. |
| 4. | 1,1 (2) | **Veru**. L-Istat jagħti għajnuna lil min għandu bżonn skont kif meħtieġ. |
| 5. | 1,1 (2) | **Veru**. L-enerġija alternattiva ma tħallix impatt negattiv fuq l-ambjent u tgħin sabiex nibżgħu għar-riżorsi naturali li għandna. |
| **TOTAL** | **10** | |

## Taqsima D

| Mistoqsija | Marka | Tweġiba |
|---|---|---|
| 1. | 4 | **Żvilupp sostenibbli:** dan iseħħ meta pajjiż, għalkemm għandu bżonn jiżviluppa u jagħmel użu mir-riżorsi tiegħu, għandu juża r-riżorsi b'tali mod li ma jagħmilx ħsara u ma jeqridx l-ambjent. |
| 2. | 6<br>(2,2,2) | L-iskart li joħolqu l-fabbriki jħalli ħafna ħsara fuq l-ambjent. Fost dawn il-problemi l-istudenti jistgħu jsemmu eżempji bħal:<br>• Żieda ta' tniġġis fl-ibħra u x-xmajjar;<br>• Irwejjaħ li wħud minnhom jipproduċu d-diossina li tikkawża mard bħall-kanċer; |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Ċans akbar ta' mard, bħal dak tal-ġilda, l-ażma u problemi respiratorji;<br>• L-ambjent industrijali mhux daqshekk sabiħ u dan jista' jkun il-kawża biex ma jiġux turisti lejn dak il-pajjiż;<br>• Għalkemm il-fabbriki joħolqu l-impjiegi, il-Gvern ikollu jonfoq il-flus sabiex ikun jista' jsewwi l-ħsara li tkun saret lill-ambjent, pereżempju meta jintefa' skart industrijali fil-baħar jew f'xi post ieħor b'mod illegali;<br>• Fil-każ ta' Malta, minħabba li huwa pajjiż żgħir, hija problema fejn se jiġi pproċessat l-iskart mingħajr ma tinħoloq ħsara ambjentali.<br>*Jagħtu tliet eżempji. Eżempji oħra relatati għandhom jiġu aċċettati.* |
| 3. | 4 | Il-**globalizzazzjoni** hija proċess fejn dak li jiġri f'pajjiż wieħed jista' jaffettwa l-ħajja ta' dawk li jgħixu f'pajjiżi oħra. Dan juri mod ġdid ta' kif il-bnedmin saru ċittadini globali. |
| 4. | 6<br>(2,2,2) | • In-nies minn madwar id-dinja kollha qegħdin jiġu qrib iżjed xulxin u b'hekk qed jitħalltu aktar.<br>• Wieħed qed jitgħallem u jiskopri aktar fuq l-istili ta' ħajja differenti li jeżistu fid-dinja u qisu kulħadd irid jimita lil xulxin.<br>• Il-pajjiżi qed jiġu influwenzati minn oħrajn f'kull qasam tal-ħajja.<br>• Il-kultura, ir-reliġjon, il-politika u ħafna oqsma oħra tal-ħajja soċjali ta' pajjiż qegħdin jinbidlu minħabba l-influwenza ta' pajjiżi oħra.<br>*Jagħtu tliet eżempji.* |
| 5. | 4 | Il-pajjiżi tad-dinja qed jiddependu aktar minn xulxin, u għalhekk huma bżonn aktar xulxin fejn jidħol il-kummerċ. Dan ifisser li hemm bidla kbira fl-ekonomija u fil-ħajja soċjali. Ix-xiri u l-bejgħ ma baqax biss għar-riżorsi naturali imma ġie estiż għal tranżazzjonijiet ta' prodotti u servizzi. Dik li qabel kienet intrapriża (kumpanija) lokali, issa jeħtieġ li tfittex swieq oħra barra minn Malta sabiex tikber ekonomikament, jekk trid li tibqa' teżisti. Ir-riżultat ta' dan it-tkabbir mhuwiex biss wieħed ekonomiku. B'dan il-mod, in-nies qegħdin jitħalltu f'dak li huwa xogħol, għax nies barranin qegħdin jitħalltu ma' nies ta' pajjiżi oħra biex jifirxu l-kummerċ tagħhom. |
| 6. | 6<br>(2,2,2) | Fost l-eżempji ta' solidarjetà soċjali li jistgħu jiġu aċċettati, l-istudenti jistgħu jsemmu tlieta minn dawn li ġejjin:<br>• Għajnuna fl-edukazzjoni primarja<br>• Il-qerda tal-faqar estrem u l-ġuħ<br>• Provvista ta' mediċini u kura primarja<br>• Għajnuna lill-ommijiet u t-tfal<br>• Provvista ta' ilma nadif u aċċessibbli |
| **TOTAL** | **30** | |

**Taqsima E**

| **Mistoqsija** | **Marka** | **Tweġiba** |
|---|---|---|
| 1. | 5 | Iż-żgħażagħ fis-soċjetà huma grupp li jistħoqqlu attenzjoni partikolari. Huwa żmien meta ħafna miż-żgħażagħ jużaw l-enerġija tagħhom sabiex jipparteċipaw f'għaqdiet volontarji. Ħafna drabi ssib li dawn iż-żgħażagħ jagħtu sehem kbir biex ċerti avvenimenti, speċjalment lokali u nazzjonali, ikunu ta' suċċess. L-enerġija żagħżugħa sfortunatament tista' tintuża ħażin ukoll. Ħafna drabi minħabba problemi soċjali wħud miż-żgħażagħ jirrikorru għad-delinkwenza jew jabbużaw minn sustanzi pprojbiti, bħalma huma d-drogi. |
| 2. | 5<br>(1,1,1,1,1 ) | Fost l-indikaturi tal-faqar insibu n-nuqqas ta' finanzi, in-nuqqas ta' xogħol jew xogħol diċenti, in-nuqqas ta' ikel, il-livell ta' edukazzjoni, problemi ta' saħħa inkluża dik mentali, is-sanità, id-djar u l-ambjent. (*isemmu ħamsa minn dawn*) |
| 3. | 5<br>(1,1,1,1,1) | • **Id-Dar tal-Providenza**<br>• **Inspire**<br>• **Jesuit Refugee Services (JRS)**<br>• **Dar L-Emigranti**<br>• **L-Aġenzija Sedqa**<br>• **L-Aġenzija Appoġġ**<br>• **Richmond Foundation**<br>• **CARITAS**<br>• **OASI**<br>• **YMCA**<br>*(isemmu ħamsa minn dawn)* |
| 4. | 5<br>(1,4) | Fost l-għaqdiet mhux governattivi li jaħdmu favur l-ambjent insibu: Birdlife Malta, Din l-Art Ħelwa, Fondazzjoni Wirt Artna, Flimkien għal Ambjent Aħjar, *Ramblers Association* u *Friends of the Earth*.<br><br>Dawn l-għaqdiet għalkemm jaħdmu kollha favur l-ambjent, kollha jaħdmu għal xi għan partikolari favur l-ambjent. Pereżempju, Birdlife Malta tara li t-tajr protett ma ssirx kaċċa fuqu u meta dan iseħħ hija tiġbed l-attenzjoni tal-Pulizija u l-midja sabiex dan ma jkomplix isir.<br><br>Flimkien għal Ambjent Aħjar taħdem favur il-preservazzjoni tal-wirt arkitettoniku u rurali ta' Malta u Għawdex, kif ukoll billi tiżgura kwalità ta' ħajja b'saħħitha.<br><br>*Kull tweġiba oħra relevanti tiġi aċċettata.* |
| **TOTAL** | **20** | |

**Taqsima F**

| Mistoqsija | Marka | Tweġiba |
|---|---|---|
| | | **L-20 marka jitqassmu kif ġej:**<br>**16-20: Eċċellenti**<br>**13-15: Tajba**<br>**10-12: Mhux ħażina**<br>**0-9: Mhux tajba** |
| 1. | 20 | Teżisti l-possibbiltà għal kull individwu biex dan javvanza fis-soċjetà, jakkwista aktar riżorsi, itejjeb il-pożizzjoni tiegħu, tant li anke forsi jasal biex joħroġ mis-saff soċjali li kien jinsab fih. Din tissejjaħ **mobbiltà soċjali**. Ir-rebħ ta` xi lotterija, il-ġid u l-poter politiku, il-ħbieb, l-isforz u d-determinazzjoni, l-isfruttar ta' xi opportunità tad-deheb jew ta' xi xorti tajba, inkella s-suċċess fl-edukazzjoni u l-akkwist ta` ċertifikati tajbin – dawn huma l-okkażjonijiet u l-mezzi li s-soltu jissemmew bħala ċ-*ċwievet tal-mobbiltà soċjali*. Waqt li jkun hemm min javvanza fil-pożizzjoni soċjali tiegħu, jista` jkollok ħaddieħor li jmur lura. |
| 2. | 20 | Il-**globalizzazzjoni** tista' tħalli diversi effetti pożittivi u effetti negattivi fuq il-pajjiżi kollha tad-dinja, fosthom:<br><br>**Effetti Pożittivi**<br>• Aktar moviment ta' flus u ħaddiema<br>• Aktar għażla ta' prodotti differenti u konsumeriżmu<br>• Aktar taħlit ta' nies u kulturi differenti<br>• Aktar ġid<br>• Solidarjetà bejn il-pajjiżi<br>• Interdipendenza bejn il-pajjiżi<br><br>**Effetti Negattivi**<br>• Il-kultura u l-identità tal-pajjiż jibdew jintilfu.<br>• Jidħlu valuri u normi ġodda fil-pajjiż, u għalhekk ikun hemm il-bidla fl-istil tal-ħajja.<br>• Il-kumpaniji żgħar isibu diffikultà biex jikkompetu ma' kumpaniji barranin.<br>• Meta pajjiż imur ħażin ekonomikament jista' jħalli effetti ħżiena fuq il-pajjiżi l-oħra.<br>• Il-liġijiet ikunu komuni għall-pajjiżi kollha, iżda mhux kull pajjiż jista' jimxi fuq l-istess liġijiet għax kull pajjiż huwa differenti u għandu bżonnijiet differenti.<br>• It-terroriżmu |
| 3. | 20 | Jeżistu numru sostanzjali ta' problemi ambjentali li d-dinja qed taffaċċja, fosthom fl-użu bla rażan tal-art u tar-riżorsi, it-tniġġis minħabba l-insettiċidi (il-bexx) u l-ħmieġ li joħroġ mill-fabbriki. Dan iwassal għall-ħsara, fosthom ix-xita aċiduża li toħloq ħafna problemi fl-ibliet filwaqt li numru kbir ta' siġar, ħut u pjanti fl-ilmijiet jisfaw fix-xejn.<br>Hemm diversi metodi li kemm il-gvernijiet u aħna lkoll nistgħu nadottaw biex nippruvaw nibżgħu għall-ambjent, fosthom: |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Li l-gvern iħeġġeġ lin-nies sabiex jadottaw it-3R's: **Reduce**, **Reuse** u **Recycle**.<br>• Edukazzjoni u kampanji sabiex ma naħlux, ma nħammġux u nisseparaw l-iskart.<br>• Aktar liġijiet u kontrolli fuq kif jintużaw u jitqassmu r-riżorsi naturali tad-dinja (pereżempju, bħas-sajd, iż-żejt u l-qtugħ tas-siġar).<br>• Aktar liġijiet u kontrolli fuq il-fabbriki biex jiġu kkontrollati d-dħaħen u l-gassijiet li joħorġu minnhom u li qed jagħmlu ħafna ħsara lill-*ozone layer*.<br>• Insalvaw il-foresti għax għandna bżonnhom għall-arja pura.<br>• Nużaw apparat *energy saving*, jiġifieri li ma jaħlix ħafna elettriku biex jaħdem, pereżempju bozoz li jkunu *energy saving*.<br>• Aktar inċentivi sabiex in-nies jużaw l-enerġija alternattiva, pereżempju *solar heaters, photovoltaic panels, wind farms*, eċċ.<br>• Nużaw aktar trasport pubbliku biex innaqqsu d-dħaħen tal-karozzi.<br>• Għandna norganizzaw rwieħna fi gruppi ta' pressjoni sabiex nipprotestaw meta jkun hemm xi proġett li se jagħmel ħsara ambjentali.<br>• Nirrappurtaw lill-awtoritajiet lil min iħammeġ jew jeqred l-ambjent. |
| 4. | 20 | Is-**sekularizzazzjoni** tirreferi għan-nuqqas ta' influwenza li r-reliġjon ikollha fuq il-persuna. Dan ifisser li l-persuni ma jibqgħux iżommu l-valuri u t-twemmin reliġjuż bħala l-aktar ħaġa importanti f'ħajjithom. Pereżempju, f'Malta n-numru ta' nies li jmorru l-quddies nhar ta' Ħadd qed dejjem jonqos minħabba s-sekularizzazzjoni. Ix-xjenza u r-raġuni jieħdu post is-superstitizzjoni biex jispjegaw ċerti fenomeni. Hemm diversi eżempji oħra li jindikaw li s-soċjetà għaddejja mis-sekularizzazzjoni. Fosthom:<br>• Anqas biża' f'Alla;<br>• Il-ġid tad-dinja jsir aktar importanti u dan iwassal għal aktar egoiżmu;<br>• Aktar tberbiq ta' flus u divertiment;<br>• Aktar libertà li tesprimi lilek innifsek, li jista' jwassal għal-libertinaġġ f'modi differenti, pereżempju fl-ilbies. |
| **TOTAL** | **20** | |

**Total tal-karta: 100 marka**